**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru 2016**

Numru 28

**Rikors Guramentat Nru. 481/2016**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Francis Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tas-16 ta' Gunju 2016 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratti, tnejn minnhom in atti n-Nutar Dottor Joseph Debono datati 28 ta' April 2006 u 2 ta' Frar 2007 (Dok. "A" u "B") u iehor in atti n-Nutar Dottor Jean Carl Debono datat 3 ta' Settembru 2008 (Dok. "C") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Francis Abela;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Francis Abela fis-somma ta' wiehed u tmenin elf, erba' mija u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€81,460.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Francis Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D4" u Dok. "E1 sa E4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Francis Abela
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti,
(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Francis Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Francis Abela gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Marzu 2012 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "F", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Franics Abela (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Francis Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna lil Francis Abela jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' wiehed u tmenin elf, erba' mija u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€81,460.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Francis Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa 04" u Dok. "E1 sa E4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Francis Abela lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Marzu 2014 (Dok. "F") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Rat li d-difensuri irrinunzaw ghan-noti ta’ sottomissjonijiet;

Semghet ix-xhieda ta’ Dorianne Tantis, litigation officer tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li mid-data tal-prezentata tal-kawza ma sar ebda bdil fl-ammont dovut oltre li l-imghax ghandu jizdied.

Mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu fil-konfront tal-bank u l-ftehim milhuq mieghu u ghalkemm interpellat sabiex jikkonforma ruhu ma’ dak

miftiehem baqa' inadempjenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-bank hu gustifikat fit-talbiet tieghu.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil-bank attur is-somma ta' wiehed u tmenin elf, erba' mija u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€81,460.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur